

neċessarju li l-prodott finanzjarju li miegħu huwa marbut l-istrument finanzjarju propost ikun suġġett għal standards legali ta' protezzjoni tal-investitur simili għal dawk meħtieġa fid-direttiva msemmija iktar 'il fuq?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjari li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 263).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Mercantil de Barcelona (Spanja) fit-30 ta' Diċembru 2011 — Alfonso Carlos Amselem Almor vs NCG Banco, S.A.**

(Kawża C-665/11)

(2012/C 80/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Mercantil de Barcelona.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Alfonso Carlos Amselem Almor.

Konvenuta: NCG Banco, S.A..

**Domandi preliminari**

- (1) Jekk istituzzjoni ta' kreditu tippromponi lil klijent, li miegħu tkun preċedement ikkonkludiet kuntratt ta' self ipotekarju, swap ta' interessi sabiex ikun kopert ir-riskju ta' varjazzjoni tar-rata ta' interessi ta' din l-operazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat li dan huwa servizz ta' pariri dwar l-investiment fis-sens tad-definizzjoni mogħtija fil-punt (4) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/38/KE (<sup>1</sup>)?
- (2) L-ommissjoni tat-test ta' adegwatezza previst fl-Artikolu 19(4) tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq fir-rigward ta' investitur tax-xiri bl-immnut twassal għan-nullità assoluta tas-swap ta' interessi li l-investitur ikkonkluda mal-istituzzjoni ta' kreditu li pprovdiet il-parir?
- (3) Jekk is-servizz ipprovdut fil-kundizzjonijiet preċedenti ma huwiex ikkunsidrat bħala pariri dwar l-investiment, is-sempliċi fatt ta' xiri ta' strument finanzjarju kumpess bhaswap ta' interessi mingħajr ma jitwettaq it-test li jikkonċerna n-natura xierqa previst fl-Artikolu 19(5) tad-Direttiva 2004/39/KE minħabba raġuni imputabbli lill-istituzzjoni ta' investiment jiddetermina n-nullità assoluta tal-kuntratt ta' xiri konkluż mal-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha?
- (4) Skont l-Artikolu 19(9) tad-Direttiva 2004/39/KE, is-sempliċi fatt li istituzzjoni ta' kreditu tippromponi strument finanzjarju kumpless marbut ma' self ipotekarju huwa raġuni suffiċjenti

sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-obbligi li l-istituzzjoni ta' investiment għandha li twettaq it-testijiet ta' adegwatezza u dwar in-natura xierqa previsti f'dan l-Artikolu 19 għal investitur tax-xiri bl-immnut?

(5) Sabiex tkun tista' tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-obbligi previsti fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/39/KE, huwa neċessarju li l-prodott finanzjarju li miegħu huwa marbut l-istrument finanzjarju propost ikun suġġett għal standards legali ta' protezzjoni tal-investitur simili għal dawk meħtieġa fid-direttiva msemmija iktar 'il fuq?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjari li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 263).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo per la Sardegna (L-Italja) fit-2 ta' Jannar 2012 — Danilo Tola vs Ministero della Difesa**

(Kawża C-4/12)

(2012/C 80/17)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo per la Sardegna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Danilo Tola

Konvenut: Ministero della Difesa

Wara li għet irtirata t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-5 ta' Jannar 2012, permezz ta' digriet tat-18 ta' Jannar 2012, il-Qorti tal-Ġustizzja ħassret il-kawża mil-lista tal-kawżi.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (il-Latvja) fis-17 ta' Jannar 2012 — Mohamad Zakaria**

(Kawża C-23/12)

(2012/C 80/18)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākās tiesas Senāts